



Il-Kummissjoni Ewropea



L-ISTAT TAL-UNJONI 2017

# REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR



*"M'għandniex nindaħlu fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej billi nirregolaw kull aspett. Jien qed nistabbilixxi Task Force dwar is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità dan ix-xahar stess sabiex nagħti ħarsa kritika ħafna lejn l-oqsma kollha ta' politika sabiex jiġi żgurat li aħna qegħdin naġixxu biss fejn l-UE tagħti valur miżjud."*

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Jean-Claude Juncker, Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, it-13 ta' Settembru 2017.

Il-Kummissjoni Juncker tiffoka fuq ġabra ċentrali ta' għaxar prijoritajiet ta' politika. Dan ifisser li l-Ewropa taġixxi biss fejn l-UE żżid il-valur, u li kwistjonijiet oħra jitħallew għall-awtoritajiet nazzjonali u lokali.

Il-kobor fl-affarijiet il-kbar ifisser li l-Kummissjoni ma tirregolax aktar il-laned taż-żejt jew kif għandha tkun il-bexxiexa tad-doċċa, iżda tikkonċentra fuq dak li aħna nistgħu nagħmlu aħjar flimkien, aktar milli kulħadd għal rasu — bħal pereżempju il-ġestjoni tal-migrazzjoni, is-sigurtà tal-fruntieri esterni tagħna jew li mmexxu l-għieda kontra t-terroriżmu u t-tibdil fil-klima. Huwa għalhekk li l-President Juncker, fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017 ħabbar li l-Kummissjoni f' Settembru se tistabbilixxi Task Force li se tkun immexxija mill-Ewwel Viċi President Timmermans u li se tħares lejn oqsma fejn l-azzjoni tal-UE ġġib magħha l-akbar valur miżjud. Taft din il-Kummissjoni, il-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat diġà ġie fil-biċċa l-kbira ddelegat lill-awtoritajiet nazzjonali, u 90 % tal-miżuri kollha ta' għajjnuna mill-Istat issa huma f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali.

**L-Aġenda tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar** tiżgura wkoll li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi vverifikata b'mod regolari sabiex isir magħruf kemm għadha tiswa għall-iskopijiet tagħha, u sabiex titħassar leġiżlazzjoni li jkun għadda żmienha.

## In-numri tar-regolamentazzjoni aħjar, 2015-2017

| INIZJATTIVI TA' PRIJORITÀ | PROPOSTI LI GĦANDHOM JIḦASSRU | LIĠIJET IMĦASSRA | INIZJATTIVI TA' SIMPLIFIKAZZJONI REGULATORJA |
|---------------------------|-------------------------------|------------------|--|
|                           |                               |                  |  |



**Qegħdin nisimgħu liċ-ċittadini** u lill-partijiet interessati matul il-proċess kollu ta' politika — permezz ta' konsultazzjonijiet pubbliċi, il-Pjattaforma REFIT (Adempjatezza Regulatorja), il-portal web "Ħaffef il-piż", kif ukoll id-Djalogi maċ-Ċittadini.



**L-Evalwazzjonijiet ta' Impatt** issa jistgħu jsiru mhux biss fil-bidu tal-proċess tat-tfassil tal-politika mill-Kummissjoni iżda wkoll mill-Parlament u mill-Kunsill meta tiġi emendata l-proposta tal-Kummissjoni



**Bord Indipendenti Regulatorju ta' Skrutinju** jservi ta' garanzija għall-kwalità tal-ħidma tal-Impatt tal-Evalwazzjoni u jevalwa l-kwalità tal-leġiżlazzjoni



Il-prinċipji tas-sussidjarjetà jissaħħaħ billi **jinstema' aktar leħen il-Parlamenti Nazzjonali**. Saru aktar minn 650 żjara u laqgħa mill-Membri tal-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali.


# Infurzar aħjar tal-Liġi tal-UE

Applikazzjoni aktar effettiva tad-dritt tal-UE hija prijorià tal-Kummissjoni Juncker u parti ċentrali mill-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar.


L-Istati Membri huma responsabbli għall-applikazzjoni korretta u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Bħala gwardjan tat-Trattati, il-Kummissjoni hija responsabbli mill-ħarsien tal-applikazzjoni xierqa tal-liġi tal-UE. Jekk pajjiż tal-UE ma japplikax b'mod effettiv id-dritt tal-UE, il-Kummissjoni tista' tnedi proċedura formali ta' ksur u, jekk ikun meħtieġ, tressaq il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

F'Settembru tal-2017, **kienu għadhom miftuħa 1 659 każ ta' ksur**. Din hija żieda konsiderevoli mis-snin ta' qabel. Madankollu, bis-saħħa tad-djalogi siewja mal-Istati Membri, ġew riżolti għadd sinifikanti ta' proċeduri ta' ksur qabel ma l-Kummissjoni kellha teħodhom quddiem il-Qorti.


## Każijiet ta' Ksur Miftuħa



## Każijiet ta' ksur magħluqa quddiem il-Qorti fl-1 ta' Settembru 2017



## Każijiet ta' ksur miftuħin fl-1 ta' Settembru 2017, skont l-Istat Membru



### Għadd totali ta' ksur

- Ksur relatat ma' traspożizzjoni mhux korretta u/jew applikazzjoni ħażina tal-liġijiet tal-UE
- Ksur relatat ma' traspożizzjoni tardiva